e) Portion of agriculture land is subjected to right of common pathway and water canal which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'Isfel', measuring approximately nine hundred sixty three point zero two metres square (963.02m^2), accessible from a main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and west by property herein described and marked as property E. This land along with other land, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

f) Cave in the vicinities being used as a storage, part of which is underlying property of Carmelo Scicluna or his successors in title, approximately measuring twenty four point seventy six metres square (24.76m^2) accessible from a main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north by a common path, and the other compass points by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – marked as property F, and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

g) Portion of land currently is being used as a terrace, known as 'Il-Mandra' in the same vicinities and surroundings, consolidated with rooms H, O, P, U and Z to form one property. Accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the south by common path, west by property herein described and east by property of the heir of Carmelo Scicluna - marked as property G with land measuring superficially approximately eighteen point seven three five metre square (18.735m^2) exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

h) Room in the same vicinities and surroundings adjoined by rooms G, O, P, U and Z to form one property accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu and bounded on the north by property of Giuseppe Muscat or his successors in title, south by a common pathway, and west by property herein described – indicated as property H, exempt from any burdens as well as ground rents that may burden

jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà, u tinsab f'Outside Development Zone, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

i) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', ta' kejl ta' ċirka elfejn sitt mija tnejn u tmenin punt wieħed tmienja (2682.18m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu, mil-Lvant ma' proprjetà tas-surreferita familja Bugeja u li kultant tiġi deskritta wkoll bħala li tmiss ma' sies, u mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà I. L-art, hija suġġetta għad-dritt ta' mogħdija u ta' akwedotti, u flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

j) Kmamar kontigwi u adjaċenti waħda mal-oħra li preżentament qegħdin jintużaw bħala mħażen, li għandhom l-entraturi tagħhom iħarsu lejn in-Nofsinhar, flimkien mal-art magħhom annessa u formanti parti integrali mill-istess, sitwata fuq in-naħa ta' wara ta' dawn l-imsemmija kmamar, ta' kejl ta' ċirka ħmistax punt tlieta sebgħa metri kwadri (15.37m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li jmissu mill-Punent ma' kamra proprjetà ta' Pawlina Muscat, min-Nofsinhar ma' mogħdija u mil-Lvant mal-proprjetà deskritta hawn fuq indikati bħala proprjetà J, u huma eżenti minn piżijiet piju kif ukoll miċ-ċens li għalih hija suġġetta l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

k) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Il-Larinġ il-Qares' kif ukoll żewġ għerien u spiera li jinsabu fuq l-istess art, ta' kejl tal-art ta' ċirka elf erba' mija ħamsa u għoxrin punt tnejn tmienja (1425.28m2) metri kwadri, u l-kejl tal-għerien huwa ta' ċirka għoxrin punt sebgħa wieħed metri kwadri (20.71m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, liema art tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà fl-istess territorju, min-Nofsinhar ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew is-suċċessuri tiegħu – indikati bħala proprjetà K. Din l-art hija eżenti miċ-ċens jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

l) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Larinġ il-Ħelu' ta' kejl ta' ċirka mitejn sitta u ħamsin punt tnejn disgħa (256.29m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-irjiħat kollha mal-proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà L u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw

the property situated in an Outside Development Zone, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances;

i) Portion of agricultural land which currently is being worked by John Gauci, known as 'Ir-Roqa t'Isfel' sive 'Il-Maħsel', approximately measuring two thousand six hundred eighty eight point eighteen square meters (2682.18m^2), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu bounded on the north by property of Baron Salvatore Testaferrata Moroni Viani or his successors in title, east by property of family Bugeja and at times referred to bounded by a sies,and west by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property I. The land is subject of passageway and water canals with other lands, enjoys water reservoirs and water springs and is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

j) Rooms contiguous and adjacent to one another currently used as store, having their entrance facing south, together with the other land annexed and forming integral part of the same, situated on the back of the said rooms, approximately measuring fifteen point thirty seven square meters (15.37m^2), accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the west by a room property of Pawlina Muscat, south by passageway and east by property -herein described indicated as property J, and is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

k) Portion of agriculture land currently is being worked by John Gauci, known as 'Il-Larinġ il-Qares' together with two caves a naturally water spring situated on the said land, measuring approximately one thousand four hundred twenty five point twenty eight (1425,28m^2) square meters, and the caves measuring approximately twenty point seventy one meter squares (20.71m^2) accessible from the main gate in Triq San Ġakbu, which land is bounded on the north by property in the same territory, south by property of the Government of Malta and east by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property K. This land is exempt from burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

l) Portion of agriculture land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Larinġ il-Ħelu' approximately measures two hundred and fifty six point two nine (256.29m2) square meters, accessibly from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded with all compass point by property described above – indicated as property L and it is exempt for any ground rent and or any burdens which

l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

m) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Il-Maħsel' magħrufa wkoll bħala 'Il-Mansab li tinsab fuq din l-imsemmija Porzjon ta' art, ta' kejl ta' ċirka ħames mija disgħa u għoxrin punt erbgħa disgħa (529.49m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu. Din il-Porzjon ta' art tmiss mil-Lbiċ u mil-Lvant ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà M u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

n) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija, disgħa u disgħin punt disgħa (899.9m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew l-aventi kawża tiegħu u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà N u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

o) Kamra li preżentament hija kkonsolidata ma' kmamar G, H, P, U u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, b'kejl ta' ċirka tletin metri kwadri (30 m2) aċċessibbli minn mogħdija komuni magħrufa bħala it-Triq tal-Karrettun tal-Komun aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta u mil-Lbiċ mal-mogħdija surreferita – indikata bħala proprjetà O u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

p) Kamra b'Porzjon ta' art adjaċenti magħha li preżentament huma ikkonsolidati ma' kmamar G, H, O, U, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, aċċessibbli minn mogħdija privata, ta' kejl ta' ċirka tnejn u għoxrin (22m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, u li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskrittva u mil-Lbiċ mal-imsemmija mogħdija – indikata bħala proprjetà P, u hija eżenti miċ-ċens u jew minn piżijiet piju li jistgħu jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

q) Porzjon ta' art magħrufa bħala 'Ta' Lariġa' li tikkonsisti f'pixxina imdawra bid-decking li ma nstab l-ebda permess li jkopriha, ġibjetta kif ukoll f'art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci kif ukoll mogħdija komuni, ta' kejl ta' ċirka elf tnejn u sebgħin punt sitta tlieta metri kwadri (1072.63m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu, u li tmiss

the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

m) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Il-Maħsel' also known as 'Il-Mansab' on this said portion of land, approximately measures five hundred twenty nine point four nine (529.49m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu. This portion of land bounded on the south east and west by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property M and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

n) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'Isfel' approximately measures eight hundred, ninety nine point nine (899.9m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by property of Noble Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and south west and north east by property herein described – indicated as property N and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

o) Room currently adjacent with rooms G, H, P, U and Z to form one property, approximately measures thirty square meters (30 m2) accessibly from a common pathway known as Triq tal-Karrettun tal-Komun accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu and bounded from the north and southeast by property herein described – indicated as property O and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

p) Room with adjacent portion of land currently adjoining with rooms G, H, O, U and Z together form one property, accessible from private pathway approximately measures twenty two (22m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north and southeast by property herein described – indicated as property P and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

q) Portion of land known as 'Ta' Lariġa' consisting in a swimming surrounded by decking without permit, water cestern as well as agricultural land currently being worked by John Gauci as well as common pathway measures approximately one thousand seven two point six three square meters (1072.63m2), accessible from the main gate situated in Triq ta' San Ġakbu, bounded on the north by

mill-Majjistral ma' beni hawn deskritta, mil-Lbiċ f'partijiet ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu u f'partijiet ma' proprjetà hawn deskritta, u mill-Grigal ma' mogħdija – indikata bħala proprjetà Q. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggravaw l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

property herein described, southwest by property of Carmelo Scicluna or his successors in title and other compass points by property herein described and northeast by pathway – indicated as property Q. The land together with other land enjoys reservoirs and water springs and it is exempt from any burdens as well as ground rents which the said property is subject to and is situated in Outside Development Zone;

r) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' li fiha hemm preżenti ġiebja u kamra tal-pompa, ta' kejl ta' ċirka elf mitejn sebgħa u tletin punt tmienja disgħa (1237.89m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mit-Tramuntana' ma' Triq San Ġakbu, mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' proprjetà oħra hawn deskritta - indikata bħala proprjetà R. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, hija suġġetta għad-dritt ta' passaġġ a favur ta' terzi persuni u tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

r) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Iż-Żebbuġ ta' Fuq' together water cestern and room pump measures approximately of one thousand two hundred and thirty seven point eight nine (1237.89m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the north by the said Triq San Ġakbu, northwest by property herein described and south by another property herein described - indicated as property R. The land together with other lands is subject for the right of passage in favour of third parties and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

s) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Mansab', ta' kejl ta' ċirka mija sitta u ħamsin punt ħamsa erbgħa (156.54m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà hawn deskritta u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà S, L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju u tinsab f'Outside Development Zone;

s) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of one hundred and fifty five pont five four (156.54m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and northwest by property herein described and south by property of Carmelo Scicluna or his successors in title - indicated as property S. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

t) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, magħrufa bħala 'Ir-Roqa l-Ħażina' magħrufa wkoll bħala 'Ir-Roqa t'Isfel' ta' kejl ta' ċirka tmien mija u disgħin punt ħamsa tlieta metri kwadri (890.53m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta, mill-Majjistral ma' beni ta' Baruni Testaferrata jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà T. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

t) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa l-Ħazina' known as well 'Ir-Roqa t'isfel' measures approximately of eight hundred and ninety point five three (890.53m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east by property herein described and northwest by property of Baron Testaferrata or his successors in title and southwest by property herein described - indicated as property T. The land together with other lands and enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

u) Kamra rurali aċċessibbli minn mogħdija komuni li preżentament hija ikkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u Z sabiex jiffurmaw proprjetà waħda, ta' kejl ta' ċirka ħmistax punt ħamsa (15.5m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu u li tmiss mil-Lbiċ mas-surreferita mogħdija komuni, mill-Majjistral u mix-Xlokk ta' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà U,

u) Rural room that is accessible from a common pathway presently adjoined by rooms G, H, O, P and Z together forming one property measuring approximately fifteen point five squares meters (15.5m^2) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu and bounded on the southwest by common pathway, northwest and southeast by property herein described - indicated as U , and it is exempt for any ground

eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u li tinsab f'Outside Development Zone;

v) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci, b'kejl ta' ċirka mitejn tlieta u tletin punt tnejn sitta (233.26m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Grigal u mix-Xlokk ma' trejqa u mil-Lbiċ ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna – indikata bħala proprjetà V, eżenti minn kwalunkwe ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

w) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħal 'Tal-Mansab', b'kejl ta' erbgħa mija tnejn u sebgħin punt sitta sitta metri kwadri (472.66m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, li tmiss mill-Punent Majjistru, mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà W, l-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava l-imsemmija proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

x) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Tal-Lariġ', b'kejl ta' ċirka mitejn u sebgħin punt tlieta sitta metri kwadri (270.36m2) aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u li tmiss mill-Punent ma' beni tas-suċċessuri ta' Carmelo Scicluna, mill-grieg il-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala proprjetà X. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

y) Porzjon ta' art agrikola li preżentament qiegħda tiġi maħduma minn John Gauci magħrufa bħala 'Ir-Roqa t'Isfel', b'kejl ta' ċirka tmien mija tlieta u ħamsin punt wieħed tlieta metri kwadri (853.13m2), aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq San Ġakbu, u tagħti għal trejqa li twassal għal passaġġ fuq in-naħa tal-lemin li mbagħad jwassal għal propjeta Ċ. Wieħed għandu jgħaddi minn proprjetà Ċ kif ukoll, aktar 'il quddiem, minn proprjetajiet M, I, E, T u N sabiex jasal għal art imsemmija. Din l-art tmiss mill-Grigal ma' proprjetà li tinsab fl-istess territorju, mill-Majjistral ma' beni tal-Baruni Testaferrata Moroni Viani jew is-suċċessuri tiegħu u mil-Lbiċ ma' beni ta' Carmelo Scicluna jew l-aventi kawża tiegħu – indikata bħala proprjetà Y. L-art, flimkien ma' artijiet oħra, tgawdi minn ġwiebi u nixxigħat tal-ilma u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone;

z) Kamra li hi aċċessibbli minn mogħdija komuni li tikkonsisti f'kamra li preżentament hija ikkonsolidata ma' kmamar G, H, O, P, u U sabiex jiffurmaw proprjetà waħda,

rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone;

v) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci measures approximately of two hundred and thirty three point six two (233.62m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on the east and southeast by a lane and southwest by property of the heirs of Carmelo Scicluna - indicated as property V and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

w) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Mansab' measures approximately of four hundred and seventy two point six six (472.66m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west northwest, east and southwest by property herein described - indicated as property W, the land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

x) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Tal-Lariġ' measures approximately of two hundred and seventy point three six (270.36m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, bounded on west by property of the heirs of Carmelo Scicluna, east northeast and west by property herein described – indicated as property X. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

y) Portion of agricultural land currently being worked by John Gauci known as 'Ir-Roqa t'isfel' measures approximately of eight hundred and fifty three point thirteen (853.13m2) square meters, accessible from the main gate situated in Triq San Ġakbu, and leads to a lane through a passage on the righthand side leading to property C. One should walk from property C as well further up from properties M, I, E,T and N to reach the said land. This land bounded on the northeast by property located in the same territory, northwest by Baron Testaferrata Moroni Viani or his successors in title and west by Carmelo Scicluna or his successors in title – indicated as property Y. The land together with other lands enjoys reservoirs and water springs and it is exempt for any ground rent and or any burdens and is situated in an Outside Development Zone;

z) Room that is accessible form a common pathway consisting in a room presently adjoined by rooms G, H, O, P and U together forming one property measuring

b'kejl ta' ċirka erbgħin (40m2) metri kwadri, aċċessibbli minn grada prinċipali li tinsab fi Triq ta' San Ġakbu u li tmiss mill-Majjistral ma' beni tal-aventi kawża ta' Carmelo Scicluna, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà hawn deskritta – indikata bħala Ż u hija eżenti minn kull ċens jew piż piju li jista' jiggrava tali proprjetà u tinsab f'Outside Development Zone.

Il-propjetajiet kollha hawn fuq indikati minn 'a' sa 'z' stmati li jiswew tlettax-il miljun ewro (€13,000,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Jean Pierre sive Jean (KI 473467M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

approximately forty squares meters (40m²) accessible from a main gate in Triq San Ġakbu bounded on the north by the heirs of Carmleo Scicluna, southwest and southeast by property herein described – indicated as Ż and it is exempt for any ground rent and or any burdens which the said property is subject to and is situated in an Outside Development Zone.

All the above properties indicated from 'a' to 'z' valued at thirteen million euro (€13,000,000).

The said tenement is the property of Borg Jean Pierre sive Jean (ID 473467M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2018.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th November, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2057

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-18 ta' Ottubru, 2022, fuq talba tal-Avukat Dott. Marlon Borg noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat Tero Jukka Vienonen, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 531/2022GM, fl-ismijiet Avukat Dott. Marlon Borg noe vs Tero Jukka Vienonen et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet l-Avukat Dott. Marlon Borg (KI 304189M) bħala mandatarju speċjali ta' Robin Bade (PX2813008) u Thomas Wahlorros (PC1645409) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Tero Jukka Vienonen (PT301242), Stephen Balzan u l-Kummissarju tat-Taxxi, fis-17 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti l-Avukat Dott. Marlon Borg (KI 304189M) bħala mandatarju speċjali ta' Robin Bade u Thomas Wahlroos talab bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimati Tero Jukka Vienonen u Stephen Balzan użaw il-flejjes afdati lilhom mill-esponenti b'mod negliġenti u/jew doluż;

2. Tiddikjara illi konsegwentement għall-ewwel talba, l-esponenti ma humiex responsabbli għall-azzjonijiet ta'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 18th October, 2022, following a request of Advocate Dr Marlon Borg noe it was ordered that deputy curators be chosen to represent the respondent Tero Jukka Vienonen, in the records of the Sworn Application 531/2022GM, in the names Advocate Dr Marlon Borg noe vs Tero Jukka Vienonen et and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr Marlon Borg (ID 304189M) as special mandatory of Robin Bade (PX2813008) and Thomas Wahlorros (PC1645409) vs Deputy Curators to represent Tero Jukka Vienonen (PT301242), Stephen Balzan u Commissioner of Revenue, on the 17th June, 2022, the applicant Advocate Dr Marlon Borg (Id 304189M) as special mandatory of Robin Bade Elena Fenech (ID 367597M) as special mandatory of robin Bade and Thomas Wahlroos requested with respect and confirmed on oath so that this Honourable Court:

1. Declare that the defendants Tero Jukka Vienone and Stephen Balzan used moneys trusted to them by the plaintiffs in a negligent or malicious manner;

2. Declare that as a consequence to the first request, the plaintiffs shall not be held responsible for the actions of Tero

Tero Jukka Vienonen u Stephen Balzan bl-użu ta' tali flejjes u fit-tmexxija tan-negozju tramite s-soċjetajiet Truly Inspired u Inspiration Group;

3. Tiddikjara illi l-esponenti ma għandhom l-ebda responsabbiltà għal ħlas tal-ebda taxxa riżultanti mill-Avviż għall-perjodu wara r-riżenja tagħhom minn diretturi fuq il-kumpanniji Truly u Inspiration;

4. Tiddikjara illi l-intimati Tero Jukka Vienonen u Stephen Balzan għadhom jagħmlu tajjeb u jindennizzaw lill-esponenti għal kwalsijasi responsabbiltà personali riżultanti mill-fatt li bejn is-7 ta' Lulju, 2015 u s-16 ta' Awwissu, 2017, l-esponenti okkupaw il-kariga ta' diretturi fuq il-kumpaniji Truly Inspired u Inspiration Group Limited;

5. Tillikwida dawk id-danni sofferti mill-esponenti kaġun tal-amministrazzjoni negliġenzi u/jew doluża tan-negozju u tal-flejjes investiti mill-esponenti magħhom, inkluż iżda mhux limitatament b'konsiderazzjoni għal debiti personali li l-esponenti jistgħu jsofru (bħalma hu fil-każ tal-Avviż) kaġun tal-aġir tal-intimati Tero Jukka Vienonen u Stephen Balzan, u dan okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi jekk meħtieġ;

6. Tordna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati favur l-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-rikors ġuramentat numru 531/2022GM fl-ismijiet Avukat Dott. Marlon Borg noe vs Tero Jukka Vienonen et jinsab differit għat-28 ta' Novembru, 2022, fid-9.30 a.m.

Atturi: DF Advocates, Il-Piazzetta, A Suite 52, Tower Road, Tas-Sliema

Konvenuti: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Jukka Vienonen and Stephen Balzan with the use of their moneys and the management of the business through the companies Truly and Inspiration;

3. Declare that the plaintiffs have no responsibility for the payment of any tax due according to the Notice for the periods following their resignation as directors from Truly and Inspiration;

4. Declare that the defenandts Tero Jukka Vienonen and Stephen Balzan shall make good and indemnify the plaintiffs for any responsiblity personally resulting from the fact that between the 7th July 2015 and 16th August 2017 the plaintiffs occupied a role of directors in the companies Truly and Inspiration;

5. Liquidated those damages suffered by the plaintiffs as a cause of the negligent administration and/or wrongful administration of the business by the defendants including but not limited the considerations of personal debts which the plaintiffs may suffer as a consequence to the actions of Tero Jukka Vienonen and Stephen Balzan and this by means of nominated expert if required;

6. Order the defendants to pay these damages to the plaintiffs.

With expenses against the defendants who from now are summoned for submission.

The sworn application number 531/2022GM in the names Advocate Dr Marlon Borg noe vs Tero Jukka Vienonen et is postoned for hearing on the 28th November, 2022, at 9.30 a.m.

Applicants: DF Advocates, Il-Piazzetta, A Suite 52, Tower Road, Tas-Sliema

Respondents: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, LLD, Doctor of Laws.

Illum 18 ta' Ottubru, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Today 18th October, 2022

Registry of the Superior Courts, today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2058

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-23 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1893/2022, minn Dunstan Micallef fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu is-suċċessjoni ta' missieru Joseph Mary Micallef, armel ta' Virginia Jane Micallef née Calleja, bin Lewis Micallef u Inez Micallef née Spiteri, imwieled il-Belt Valletta, Malta, kien residenti Tas-Sliema, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-12 ta' Lulju, 2022, ta' 73 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0342249M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd September, 2022, Application number 1893/2022, by Dunstan Micallef whereby he requested that it be declared open in his favour the succession of his father Joseph Mary Micallef, widower of Virginia Jane Micallef née Calleja, son of Lewis Micallef and Inez Micallef née Spiteri, born in Valletta, Malta, resided in Tas-Sliema, Malta, and died in Msida, Malta, on the 12th July, 2022, aged 73, and who held identity card number 0342249M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2059

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-29 ta' Awwissu, 2022, Rikors numru 1725/2022, minn Carmela sive Carmen Darmanin et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmela sive Carmen Darmanin u Sebastian Attard hut id-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom u favur Maria DeGabriele, Joseph Attard, Paul Attard, Tania Incorvaja Attard u Rita Casano Attard ulied il-mejjet Alfred Attard dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' terz (1/3) indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' Paolo Attard, ġuvni, bin Vincenzo Attard u Giuditta Attard née Grech, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti Ħal Qormi, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fid-29 ta' Ġunju, 2021, ta' 87, sena u li kellu karta tal-identità bin-numru 338434M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 29th August, 2022, Application number 1725/2022, by Carmela sive Carmen Darmanin et whereby they requested that it be declared open in favour of Carmela sive Carmen Darmanin and Sebastian Attard brother and sister of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them and in favour of Maria DeGabriele, Joseph Attard, Paul Attard, Tania Incorvaja Attard and Rita Casano Attard children of the late Alfred Attard the latter brother of the decujus in the quota of one third (1/3) undivided share each one of them the succession of Paolo Attard, bachelor, son of Vincenzo Attard and Giuditta Attard née Grech, born in Ħal Qormi, Malta resided in Ħal Qormi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 29th June, 2021, aged 87, and who held identity card number 338434M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute

jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2060

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Ottubru, 2022, Rikors numru 1965/2022, minn Emmanuela Guillaumier et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Emmanuela Guillaumier u Michelina Spiteri hut id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Josephine Micallef, xebba, bint il-mejtin George Micallef u Mary Micallef née Cassar, imwielda Ħal Qormi, Malta, kienet residenti Ħal Qormi, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-10 ta' April, 2022, ta' 76 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 762445M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th October, 2022, Application number 1965/2022, by Emmanuela Guillaumier et whereby they requested that it be declared open in favour of Emmanuela Guillaumier and Michelina Spiteri, sisters of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Josephine Micallef, unmarried, daughter of the late George Micallef and Mary Micallef née Cassar, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Ħal Qormi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 10th April, 2022, aged 76, and who held identity card number 762445M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2061

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1837/2022, minn Antonio sive Anthony Schembri et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Antonio sive Anthony Schembri, żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Zoe Roberta Chircop née Schembri u Tara Alvarez Garcia née Schembri ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Joanne Louise Schembri née Snelson, mart Antonio sive Anthony Schembri, bint il-mejjet Robert Frederick Snelson u Patricia Margaret Snelson née Boswell, imwielda Leamington, ir-Renju Unit, kienet residenti s-Swieqi, Malta, u mietet I-lmsida, Malta, fis-7 ta' Marzu, 2022, ta' 61 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 595417L.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th September, 2022, Application number 1837/2022, by Antonio sive Anthony Schembri et whereby they requested that it be declared open in favour of Antonio sive Anthony Schembri, husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Zoe Roberta Chircop née Schembri and Tara Alvarez Garcia née Schembri children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Joanne Louise Schembri née Snelson, wife of Antonio sive Anthony Schembri, daughter of the late Robert Frederick Snelson and Patricia Margaret Snelson née Boswell, born in Leamington, United Kingdom, resided in Swieqi, Malta, and died in Msida, Malta, on the 7th March, 2022, aged 61, and who held identity card number 595417L.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2062

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-13 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1836/2022, minn Brian Aquilina et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Brian Aquilina, Rita Mifsud, Marcelle Borg, Anthony Aquilina, George Aquilina, Mary Doris Attard, Maria-Assunta Grech, Margaret Aquilina u Joseph Aquilina ulied id-decujus fi kwota ta' nona parti (1/9) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Anna Aquilina née Falzon, armla ta' Anthony Aquilina, bint il-mejtin Antonio Falzon u Assunta Falzon née Sultana, imwielda Ħal Qormi, Malta, kienet residenti Paola, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fid-29 ta' Diċembru, 2021, ta' 80 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 545841M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 13th September, 2022, Application number 1836/2022, by Brian Aquilina et whereby they requested that it be declared open in favour of Brian Aquilina, Rita Mifsud, Marcelle Borg, Anthony Aquilina, George Aquilina, Mary Doris Attard, Maria-Assunta Grech, Margaret Aquilina and Joseph Aquilina children of the decujus in the quota of one ninth (1/9) undivided share each one of them the succession of Anna Aquilina née Falzon, widow of Anthony Aquilina, daughter of the late Antonio Falzon and Assunta Falzon née Sultana, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Paola, Malta, and died in Msida, Malta, on the 29th December, 2021, aged 80, and who held identity card number 545841M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2063

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Settembru, 2022, Rikors numru 1949/2022, minn Emanuel sive Noel Borg Hedley et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Emanuel sive Noel Borg Hedley, żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Mark, Patrick u David aħwa Borg Hedley ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Verginia sive Vivian Borg Hedley, mart Emanuel sive Noel Borg, bint

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th September, 2022, Application number 1949/2022, by Emanuel sive Noel Borg Hedley et whereby they requested that it be declared open in favour of Emanuel sive Noel Borg Hedley husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Mark, Patrick and David brothers Borg Hedley children of the decujus in equal shares between them the succession

il-mejjet Frank Borg u Violet Borg née Vella, imwielda Tas-Sliema, Malta, kienet residenti l-Gżira, Malta, u mietet San Ġiljan, Malta, fis-7 ta' Frar, 2022, ta' 78 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 357243M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 4 ta' Novembru, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Verginia sive Vivian Borg Hedley, wife of Emanuel sive Noel Borg, daughter of the late Frank Borg and Violet Borg née Vella, born in Tas-Sliema, Malta, resided in Gżira, Malta, and died in San Ġiljan, Malta, on the 7th February, 2022, aged 78, and who held identity card number 357243M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 4th November, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2064

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2022, fuq talba ta' Lucy Pace ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw padruni diretti mhux magħrufa suċċessuri tal-aħwa Zammit fl-atti taċ-ċedola numru 1760/2022 fl-ismijiet Lucy Pace vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Lucy Pace mart Anthony Pace, bint il-mejtin Joseph Muscat u Mary Muscat née Mifsud, imwielda Tas-Sliema u toqgħod Philip, Triq Viani, Tas-Sliema (KI 36045M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw padruni diretti mhux magħrufa suċċessuri tal-aħwa Zammit, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Settembru, 2022, fejn Lucy Pace esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti tippossjedi t-terran mingħajr numru uffiċjali u jismu Philip fi Triq Viani, Tas-Sliema, sottopost għal beni ta' terzi, u konfinanti min-Nofsinhar mat-triq, mill-Punent ma' beni ta' Kevin Pace u Carmelo Perrett u oħrajn u mit-Tramuntana mas-suċċessuri fit-titolu ta' Pasquale Calleja, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €10.95 ekwivalenti għal Lm4.70 minn piżijiet oħra liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif jidher delineat fil-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok. A;

